

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Spain](#)

Talbiet żgħar



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 L-eżistenza ta' proċedura speċifika għat-talbiet iż-żgħar

Iva, il-proċedura tas-seduta orali għal talbiet sa EUR 15 000. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-proċedura Ewropea għal talbiet żgħar, li hija rregolata mir-[REGOLAMENT \(KE\) Nru 861/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL](#) f'każijiet fejn ikun hemm disponibbli baġit suffiċjenti għall-applikazzjoni tagħha.

1.1 L-ambitu tal-proċedura, il-limitu

Talbiet sa EUR 15 000 jeħtieġu seduta orali.

1.2 Kif tiġi applikata l-proċedura

Din tiegħu l-forma ta' talba standard, sakemm l-attur ma jkunx qed juża s-servizzi ta' avukat u ta' rappreżentant tal-qorti, f'liema każ it-talba tista' tkun qasira.

1.3 Formoli

Ma hemm l-ebda formola standard obligatorja. Madankollu, l-Uffiċċji tal-Imħallfin Anzjani jipprovdu formoli standard li jistgħu jintużaw għal pretensjonijiet ta' sa EUR 2 000. L-attur jista' jużahom biex jippreżenta talba u l-konvenut biex iweġibha.

Dawn il-formoli jistgħu jitniżżlu mis-sit web tal-[Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura](#).

Jekk it-talba taqbeż l-EUR 2 000, l-involviment ta' avukat u ta' rappreżentant tal-qorti jkun obligatorju; it-talba ma tistax tiġi eżegwita jew ikkontestata mingħajr tali rappreżentazzjoni legali.

Jekk it-talba ma tiġix ikkontestata mill-konvenut, dan ma jfissirx li l-ammont tat-talba se jintlaqa' iżda sempliċement li l-konvenut kien kontumaċi u l-proċeduri jkomplu.

1.4 Assistenza

L-atturi jistgħu jidhru fis-seduta orali personalment, imma jekk l-ammont tat-talba jaqbeż l-EUR 2 000, l-involviment ta' avukat u rappreżentant tal-qorti huwa obligatorju.

Lill-persuni bi kwalunkwe forma ta' diżabilità, lil dawk li għandhom aktar minn 60 sena li jitolbuha, u lil dawk kollha li għandhom iktar minn 80 sena, il-qorti tipprovdihom l-arranġamenti u l-aġġustamenti kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tagħhom. Il-proċedimenti li jinvolvu nies li għandhom aktar minn 80 sena jingħataw prijorità, kemm fl-istadji dikjaratorji kif ukoll f'dawk tal-eżekuzzjoni.

1.5 Regoli dwar is-smiġħ tal-provi

Japplikaw ir-regoli ġenerali dwar l-evidenza: kull tip ta' prova hija ammissibbli, u huwa possibbli li jintalbu u jiġu

ppreżentati provi qabel is-seduta nfisha.

1.6 Proċedura bil-miktub

Kemm it-talba kif ukoll id-difiża jsiru bil-miktub. Il-kwistjonijiet relatati mal-proċedimenti jiġu solvuti matul is-seduta. Madankollu, ma jistgħux jitqajmu kwistjonijiet incidental li ladarba l-provi proposti jkunu ġew iddikjarati ammissibbli. Bl-istess mod, il-provi jingħataw oralment u primarjament matul is-seduta.

1.7 Il-kontenut tas-sentenza

Is-sentenza hija motivata u mogħtija bil-miktub bħal fi kwalunkwe proċedura oħra.

Is-sentenza jrid ikun fiha deċiżjoni dwar l-ispejjeż imġarrba fil-proċedimenti, li jiġu imposti fuq il-parti li t-talbiet tagħha jkunu ġew miċħuda kollha fl-ewwel istanza u fl-appell, sakemm l-imħallef ma jiddeċidix li kien hemm dubji legali jew fattwali serji. Fil-każ li talba tintlaqa' parzjalment, ma jkunx hemm aġġudikazzjoni tal-ispejjeż, iżda l-qorti tista' timponihom fuq waħda mill-partijiet jekk issib li aġixxiet bi traskuraġni.

1.8 Rimbors tal-ispejjeż

Jekk avukat u rappreżentant tal-qorti jkunu obbligatorji, u jkun hemm ordni biex jiġihallu l-ispejjeż, il-parti li favur tagħha jkunu ordnati l-ispejjeż tista' tirkupra l-ispejjeż tal-proċeduri, wara li dawn ikunu ġew evalwati u sakemm dawn ma jaqbxuz terz tal-ammont tal-proċeduri għal kull wieħed mil-litiganti inklużi fl-ordni.

Jekk il-litigant li ngħata l-ispejjeż ma joġġhidx fil-post fejn tkun saret is-seduta, l-ispejjeż tar-rappreżentant tal-qorti jistgħu jiġu rimborżati, anke jekk l-involviment tagħhom ma jkunx obbligatorju.

1.9 Il-possibilità ta' appell

Jista' jitressaq appell kontra s-sentenza jekk l-ammont tal-każ jaqbeż EUR 3 000. L-appell jitressaq mal-Qorti Provinċjali li jkollha l-ġurisdizzjoni li tisma' l-appell, bil-miktub u fi żmien perjodu massimu ta' 20 jum.

Il-ġurisdizzjoni biex jinstema' l-appell hija tal-Qorti Provinċjali li tkun kostitwita minn imħallef wieħed, u l-ebda appell ieħor kontra s-sentenza ta' din tal-aħħar ma huwa possibbli.

■ L-aħħar aġġornament: 30/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.